KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fit-28 ta' Ġunju 2018[1]

**Kawża C-147/17**

**Sindicatul Familia Constanța**
**Ustinia Cvas**
**Silvica Jianu**
**Dumitra Bocu**
**Cader Aziz**
**Georgeta Crângașu**
**Sema Cutlacai**
**vs**
**Direcția Generală de Asistență Socială și Protecția Copilului Constanța**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanța, ir-Rumanija))

"Talba għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2003/88/KE — Ħin tax-xogħol — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' ħaddiem — Ġenituri foster — Esklużjoni"

1. Il-kura minn ġenituri foster (kura foster) tieħu ħafna għamliet u forom. B'mod ġenerali, din it-tip ta' kura hija temporanja fin-natura tagħha u tista' tvarja minn żmien qasir ta' mistrieħ jew kura ta' emerġenza tat-tfal sa kura fit-tul il-ħin kollu sa minn età żgħira sakemm it-tifel jew tifla jsiru adulti. Skont iċ-ċirkustanzi, il-kura foster tista' ssir fid-dar tal-ġenitur foster jew f'ambjent iktar istituzzjonalizzat f'dar komuni jew f'istituzzjoni.

2. Dan il-każ huwa dwar ġenituri foster li, fid-dar tagħhom stess, jieħdu ħsieb tfal il-ħin kollu. Il-kura li jagħtu tikkostitwixxi l-attività prinċipali tagħhom, attività li għaliha jirċievu kumpens mingħand l-awtorità kompetenti li magħha jkunu ffirmaw kuntratt ta' impjieg. Minħabba l-ħtiġijiet tat-tfal, il-ġenituri foster ma jitħallewx, bħala prinċipju, imorru għal btala mingħajr it-tfal. Lanqas ma jirċievu kumpens addizzjonali għall-fatt li kontinwament ikollhom jieħdu ħsieb tal-ħtiġijiet tat-tfal mingħajr ma jkollhom id-dritt għal perijodi ta' mistrieħ jew għal btajjel iddeterminati minn qabel mingħajr it-tfal fdati fil-kura tagħhom.

3. Il-qofol ta' din il-kawża huwa dwar jekk tali ġenituri foster jaqgħux fl-ambitu tad-Direttiva 2003/88/KE, li tistabbilixxi regoli dwar il-ħin tax-xogħol[2]. Jekk hu hekk, jinqalgħu iktar mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-direttiva, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, li l-ħin li l-ġenituri foster jieħdu ħsieb it-tfal fdati fil-kura tagħhom ma jistax jiġi ddeterminat b'mod preċiż. Dan hu hekk minħabba li, bħal ġenituri, ġenituri foster għandhom jiżguraw li t-tfal ikkonċernati jkunu jistgħu jikbru b'superviżjoni kontinwa ta' ġenitur u b'kura adatta għall-età tagħhom.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

4. F'dan li ġej ser nispjega għaliex il-ġenituri foster inkwistjoni ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

#### *1. Id-Direttiva 89/391*

5. Id-Direttiva 89/391/KEE[3] hija dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u fis-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

6. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/391 huwa ddefinit fl-Artikolu 2 tagħha, li jipprovdi li:

"1. Din id-Direttiva għandha tgħodd għas-setturi ta' attività kollha, kemm pubbliċi u kemm privati (industrijali, agrikoli, kummerċjali, amministrattivi, ta' servizz, edukattivi, kulturali, ta' serħan etċ.).

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tgħodd fejn karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet ta' servizzi pubbliċi speċifiċi, bħall-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha.

F'dak il-każ, is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema għandhom ikunu żgurati sa fejn ikun possibbli fid-dawl ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva."

#### *2. Id-Direttiva 2003/88*

7. Id-Direttiva 2003/88 tistabbilixxi regoli dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Dawn ir-regoli għandhom x'jaqsmu, fost l-oħrajn, ma' perijodi minimi ta' serħan u waqfien (Artikoli 3 sa 5), ħin massimu ta' xogħol matul ġimgħa (Artikolu 6) u leave annwali mħallas (Artikolu 7).

8. Mill-premessi 3 u 4 jirriżulta li din id-direttiva hija intiża għat-titjib fis-tas-sigurtà, tal-iġjene u tas-saħħa tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol.

9. L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-għan u l-iskop tad-Direttiva 2003/88. Dan l-artikolu jipprovdi li:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-siġurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

2. Din id-Direttiva tapplika għal:

(a) il-perjodi minimi ta' serħan ta' kull jum, serħan ta' kull ġimgħa u leave annwali, għal waqfien u ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa; u

(b) ċerti aspetti tax-xogħol bil-lejl, ix-xogħol bix-shift u t-tendenzi tax-xogħol.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika għas-setturi kollha ta' l-attività, kemm pubblika u wkoll privata, fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva [89/391], mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14, 17, 18 u 19 ta' din id-Direttiva.

3 Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349).

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal baħħara, kif definiti fid-Direttiva 1999/63/KE mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(8) ta' din id-Direttiva.

4. Id-disposizzjonijiet tad-Direttiva [89/391] għandhom ikunu applikabbli bis-sħiħ għall-materji kollha li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2, mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet aktar iebsa u/jew speċifiċi li jinstabu f'din id-Direttiva."

10. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88 jipprovdi għal serħan ta' kull jum. Dan l-artikolu jipprovdi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu ta' serħan kull jum ta' 11-il siegħa konsekuttivi f'perjodu ta' 24-siegħa."

11. L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jittratta l-waqfien. Dan l-artikolu jipprovdi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, meta l-jum tax-xogħol ikun itwal min sitt sigħat, li kull ħaddiem ikun intitolat għal waqfien ta' serħan, li d-dettalji tiegħu, inkluż it-tul ta' żmien u t-terminu li fuqhom jingħata, ikunu stabbiliti fi ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija jew, f'nuqqas ta' dan, b'leġislazzjoni nazzjonali."

12. L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jittratta l-perijodi ta' serħan ta' kull ġimgħa. Dan l-artikolu jipprovdi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, f'kull perjodu ta' sebat ijiem kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu mingħajr interruzzjoni ta' serħan kull perjodu ta' 24 il-siegħa flimkien ma 11-il siegħa serħan ta' kull jum kif li hemm referenza għalih fl-Artikolu 3.

Jekk objettivi, l-organizzazzjoni tal-kondizzjonijiet tekniċi jew tax-xogħol hekk jiġġustifikaw, perjodu minimu ta' serħan ta' 24 siegħa jista' jkun applikat."

13. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/88 jistabbilixxi r-regoli għal ħin massimu ta' xogħol matul il-ġimgħa. Dan l-artikolu jipprovdi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, skond il-ħtieġa tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema:

(a) il-perjodu tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa jkun limitat permezz ta' liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi jew bi ftehim kollettiv jew bi ftehim bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija;

(b) il-medja tal-ħin tax-xogħol għal kull perjodu ta' sebat ijiem, inkluża s-sahra, ma tkunx teċċedi it-48 siegħa."

14. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

15. L-Artikolu 17 ta’ din id-direttiva jippermetti li l-Istati Membri jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva. Dan l-artikolu jipprovdi li:

“1. F’dak li jirrigwardja l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema, l-Istati Membri jistgħu jagħtu deroga mill-Artikoli 3 sa 6, 8 u 16 meta, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi ta’ l-attività kkonċernata, it-tul tal-ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat jew jista’ jkun determinat mill-ħaddiema nfushom, u partikolarment fil-każ ta’:

[…]

(b) ħaddiema parti mill-familja;

[…]

2. Id-derogi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafi 3, 4 u 5 jistgħu jkunu adottati permezz ta’ liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi jew permezz ta’ ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat ta’ l-industrija, basta li l-ħaddiema kkonċernati jkunu mogħtija perjodu ekwivalenti ta’ mistrieħ obbligatorju jew li, f’każi eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli, għal raġunijiet objettivi, li jagħtu perjodi bħal dawn ta’ serħan obbligatorju, il-ħaddiema kkonċernati għandhom igawdu minn protezzjoni xierqa.

3. B’konformità mal-paragrafu 2 ta’ [din id-dispożizzjoni,] derogi jistgħu jsiru mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16:

[…]

(b) fil-każ ta’ attivitajiet ta’ sigurtà u sorveljanza li jeħtieġu preżenza permanenti sabiex tkun protetta [l-proprjetà] u persuni, partikolarment gwardji tas-sigurtà u purtinara jew ditti tas-sigurtà;

(c) fil-każ ta’ attivitajiet li jinvolvu l-ħtieġa ta’ servizz jew produzzjoni kontinwa […]

[…]

4. B’konformità mal-paragrafu 2 ta’ [din id-dispożizzjoni,] derogi jistgħu jsiru mill-Artikoli 3 u 5:

[…]

(b) fil-każ ta’ attivitajiet li jinvolvu perjodi ta’ xogħol imqassma matul il-jum, partikolarment dawk tal-persunal tat-tindif.

[…]”

## B. Id-dritt Rumen

### *1. Il-Liġi Nru 272/2004*

16. Il-Legea nr. 272/2004 privind protecția si promovarea drepturilor copilului [4] (iktar ’il quddiem il-“Liġi Nru 272/2004”) hija dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet ta’ minuri.

4 Ippubblikata mill-ġdid fil-*Monitorul Oficial*, Taqsima I, Nru 159 tal-5 ta’ Marzu 2014, emendata u ssupplimentata bl-Ordonanța de Urgență a Guvernului (id-Digriet Liġi tal-Gvern) Nru 65 tal-15 ta’ Ottubru 2014, Liġi Nru 131 tat-8 ta’ Ottubru 2014, Liġi Nru 52 tat-30 ta’ Marzu 2016 u Liġi Nru 57 tal-11 ta’ April 2016.

17. Skont l-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 272/2004, ġenituri foster[5] li jieħdu kura ta' minuri fdati fil-kura tagħhom skont din il-liġi huma meqjusa li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "familja foster" u li jwettqu attività li tixbah lil dik ta' ġenituri.

18. L-Artikolu 117 jipprovdi li l-awtorità kompetenti għandha, sabiex tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet ta' minuri, tikkoordina l-attivitajiet ta' assistenza soċjali u ta' protezzjoni tal-familja u tad-drittijiet ta' minuri fil-livell ta' provinċji u ta' distretti tal-muniċipalità ta' Bukarest.

19. Fl-Artikolu 121, is-servizzi tal-familja huma ddefiniti bħala s-servizzi mogħtija, fid-dar ta' persuna fiżika jew ta' familja, għat-trobbija u l-kura ta' minuri sseparat temporanjament jew permanentement mill-ġenituri tiegħu. Tali servizzi jingħataw skont l-adozzjoni ta' miżura ta' kura foster skont il-Liġi Nru 272/2004.

20. L-Artikolu 122 ta' din il-liġi jipprovdi:

"(1) Minuri jistgħu jitqiegħdu taħt il-kura ta' familji u ta' persuni li jkollhom minn tal-inqas 18-il sena, igawdu minn kapaċità sħiħa, ikunu residenti fir-Rumanija u jkollhom il-kwalitajiet morali u l-kundizzjonijiet materjali meħtieġa sabiex irabbu u jieħdu kura ta' minuri sseparat temporanjament jew permanentement mill-ġenituri tiegħu.

[…]

(3) L-attività tal-persuna maħtura bħala [ġenitur foster], skont il-liġi, għandha titwettaq abbażi ta' kuntratt speċjali għall-protezzjoni tal-minuri, konkluż mad-Direttorat Ġenerali jew ma' korp privat akkreditat, li għandu jinkludi l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet għat-trobbija, il-kura u l-edukazzjoni tal-minuri taħt kura għandhom isiru fid-dar;

(b) il-programm ta' xogħol għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-ħtiġijiet tal-minuri;

(c) il-ħin liberu għandu jiġi ppjanat skont il-programm tal-familja u tal-minuri mqiegħda taħt kura foster;

(d) il-kontinwità tax-xogħol magħmul għandha tiġi ggarantita matul il-perijodu ta' leave statutorju, sakemm matul dan il-perjodu s-separazzjoni minn mal-minuri mqiegħed taħt il-kura tal-familja ma tkunx ġiet awtorizzata mid-Direttorat Ġenerali.

(4) Il-kuntratt ta' impjieg individwali għandu jitfassal sa mid-data tal-ħruġ [tal-miżura ta' fostering].

[…]"

## *2. Id-Digriet tal-Gvern Nru 679/2003*

21. Il-Hotărârea Guvernului nr. 679/2003 privind condițiile de obținere a atestatului, procedurile de atestare și statutul asistentului maternal profesionist[6] (id-Digriet tal-Gvern Nru 679/2003 dwar il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' awtorizzazzjoni, il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u r-regolamenti għal persuni li l-professjoni tagħhom hija l-fostering ta' minuri (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 679/2003")) jipprovdi, fl-Artikolu 1, li persuna li l-professjoni tagħha hija l-fostering ta' minuri

5 Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-ġenituri foster isir riferiment għalihom bħala "assistenti materni" ("asistent maternal").

6 Ippubblikat fil-*Monitorul Oficial*, Taqsima I, Nru 443 tat-23 ta' Ġunju 2003.

(iktar 'il quddiem il-"ġenitur foster professjonali") hija persuna fiżika awtorizzata skont id-Digriet Nru 679/2003. Il-ġenitur foster għandu jipprovdi, permezz ta' attivitajiet imwettqa f'daru jew f'darha, għat-trobbija, għall-kura u għall-edukazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp armonjuż tal-minuri taħt kura foster jew f'kura oħra tiegħu jew tagħha.

22. L-Artikolu 8 ta' dan id-digriet jgħid li l-attivitajiet ta' persuni awtorizzati bħala ġenituri foster professjonali għandhom jitwettqu abbażi ta' kuntratt ta' impjieg individwali speċjali, li l-għan tiegħu għandu jkun speċifikament il-protezzjoni tal-minuri u li għandu jkun konkluż ma' servizz pubbliku li jispeċjalizza fil-protezzjoni tal-minuri jew ma' korp privat akkreditat li jkollu d-dmir li jissorvelja u jgħin fix-xogħol magħmul minn ġenituri foster professjonali.

23. Skont l-Artikolu 9 tad-Digriet Nru 679/2003, għal kull minuri li jitqiegħdu taħt kura foster jew taħt kura oħra, il-ġenitur foster professjonali għandu jikkonkludi ftehim anness mal-kuntratt ta' impjieg individwali mal-persuna li timpjega. Din id-dispożizzjoni tispeċifika wkoll li l-ftehim għandu jiġi konkluż bil-kunsens bil-miktub tar-raġel jew tal-mara tal-ġenitur foster professjonali u għandu jiġi nnotifikat lill-bord għall-protezzjoni tal-minuri li jkun ordna l-fostering jew kura oħra tal-minuri.

24. L-Artikolu 10 jistabbilixxi l-obbligi tal-ġenitur foster professjonali. Speċifikament il-ġenitur foster għandu jipprovdi għat-trobbija, għall-kura u għall-edukazzjoni tal-minuri sabiex jiżgura l-iżvilupp fiżiku, mentali, intellettwali u emozzjonali tagħhom; għandu jipprovdi għall-integrazzjoni tal-minuri fil-familja tagħhom stess, filwaqt li jiggarantilhom trattament ugwali mal-membri l-oħra tal-familja; għandu jipprovdi għall-integrazzjoni soċjali tal-minuri; għandu jikkontribwixxi għal tħejjijiet sabiex il-minuri jmorru lura għand il-familja naturali tagħhom jew għall-integrazzjoni tagħhom f'familja adottiva; għandu jippermetti li speċjalisti fis-servizz pubbliku għall-protezzjoni tal-minuri, jew li l-korp privat akkreditat, jagħmlu superviżjoni tal-attività professjonali tiegħu u jevalwaw l-iżvilupp tal-minuri; u għandu jiżgura li l-attività tagħhom tissokta matul il-leave statutorju, sakemm is-separazzjoni minn minuri taħt kura foster jew taħt kura oħra ma tkunx ġiet awtorizzata għal dan il-perijodu mill-persuna li timpjega.

## C. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

25. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, irrappreżentati mis-Sindicatul Familia Constanța, huma impjegati mid-Direcția Generală de Asistență Socială și Protecția Copilului Constanța (id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Soċjali u għall-Protezzjoni tal-Minuri ta' Constanța) bħala ġenituri foster. Huma jieħdu ħsieb tfal imqiegħda taħt kura foster fid-djar rispettivi tagħhom 24 siegħa kuljum, mingħajr perijodi speċifiċi ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew btajjel.

26. Il-ġenituri foster għandhom jagħmlu superviżjoni u għandhom jieħdu ħsieb it-tfal fil-kura tagħhom b'mod kontinwu, ħlief meta t-tfal ikunu l-iskola. B'mod speċifiku, il-ġenituri foster għandhom jiggarantixxu li t-tfal tingħatalhom kura kontinwa, anki meta jieħdu leave statutorju, sakemm is-separazzjoni minn mat-tifel jew tifla għal dan il-perjodu ma tkunx ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti.

27. Il-ġenituri foster jitolbu, minn naħa, il-ħlas ta' pagamenti supplimentari ugwali għal żieda ta' 100 % tas-salarju bażiku għal xogħol magħmul f'jiem ta' mistrieħ fil-ġimgħa, fi btajjel pubbliċi u f'jiem oħra meqjusa li ma humiex jiem ta' xogħol skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti. Min-naħa l-oħra, huma jitolbu kumpens fi flus għal leave mhux meħud. Matul il-leave annwali tal-ġenituri foster, it-tfal jibqgħu wkoll fil-kura tagħhom minħabba li s-separazzjoni minn mat-tfal hija, kif diġà ġie indikat, suġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti.

28. Fl-ewwel istanza, it-Tribunalul Constanța (il-Qorti tal-Kontea ta' Constanța, ir-Rumanija) ċaħdet ir-rikors bħala infondat.

29. Kien ippreżentat appell minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanța). Peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, dik il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tirrinvija d-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2003/88 ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istess direttiva attività bħal dik tal-[ġenituri foster], li hija l-attività eżerċitata mir-rikorrenti?

(2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda[,] l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li attività bħal dik ta' [ġenituri foster], eżerċitata mir-rikorrenti, tista' tkun is-suġġett ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva bis-saħħa tal-Artikolu 17(1), (3)(b) u (ċ) jew (4)(b)?

(3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti: l-Artikolu 17(1) jew, jekk ikun il-każ, l-Artikolu 17(3) jew (4) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li tali deroga għandha tkun espliċita jew tista' tkun anki impliċita, bl-adozzjoni ta' att normattiv speċjali li jipprevedi regoli differenti dwar l-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol fir-rigward ta' attività professjonali partikolari; fil-każ li tali deroga tista' ma tkunx espliċita, liema huma l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa sabiex ikun jista' jitqies li dispożizzjoni nazzjonali tintroduċi deroga u tali deroga tista' tkun espressa bir-regoli ddettaljati li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 272/2004?

(4) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel, għat-tieni jew għat-tielet domandi: il-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-perijodu li fih [ġenitur foster] iqatta' mal-minuri li jkun qiegħed jieħu ħsieb, fid-dar [tal-ġenitur foster] jew f'post ieħor magħżul minnu, jikkostitwixxi ħin tax-xogħol anki jekk ma jwettaq ebda waħda mill-attivitajiet indikati fil-kuntratt individwali tax-xogħol bħala attivitajiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu?

(5) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel, għat-tieni jew għat-tielet domandi: l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħal dik prevista fl-Artikolu 122 tal-Liġi Nru 272/2004; u, fil-każ li tingħata risposta fis-sens li l-Artikolu 17(3)(b) u (ċ) jew (4)(b) ta' din id-direttiva huwa applikabbli: tali artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi tali dispożizzjoni nazzjonali?

(6) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda u, eventwalment, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għar-raba' domanda: l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jista' jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix, minkejja kollox, li jingħata kumpens ugwali għall-kumpens li l-impjegat kien ikun intitolat għalih matul il-leave annwali sa fejn in-natura tal-attività eżerċitata [mill-ġenituri foster] twaqqafhom milli jieħdu dan il-leave jew, minkejja li l-leave ikun formalment ingħata, l-impjegat jibqa' fil-prattika jwettaq l-istess attività sa fejn matul dan il-perijodu ma jkunx jista' jissepara ruħu mill-minuri li jkun qiegħed jieħu ħsieb? Fl-affermattiv, sabiex ikun intitolat għal kumpens, huwa meħtieġ li l-impjegat ikun talab awtorizzazzjoni sabiex jissepara ruħu mill-minuri u l-persuna li timpjega tkun irrifjutat li tagħti tali awtorizzazzjoni?

(7) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, risposta fl-affermattiv għar-raba' domanda u risposta fin-negattiv għas-sitt domanda, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jipprekludi dispożizzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 122(3)(d) tal-Liġi Nru 272/2004 f'sitwazzjoni fejn tali liġi tħalli lill-persuna li timpjega l-possibbilta li tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, jekk tawtorizzax lill-[ġenitur foster] jissepara ruħu mill-minuri matul il-leave u, fl-affermattiv, l-impossibbiltà ta' tgawdija *de facto* tal-leave, minħabba l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni legali, tikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-Unjoni li jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jiġi invokat id-dritt tal-impjegat għal kumpens? Fl-affermattiv, tali kumpens għandu jitħallas mill-Istat minħabba ksur tal-Artikolu 7 tad-Direttiva jew mill-entità pubblika li għandha l-kwalità ta' persuna li timpjega li

ma tkunx awtorizzat, matul il-perijodu tal-leave, is-separazzjoni mill-minuri inkwistjoni? F'tali sitwazzjoni, sabiex ikun intitolat għal kumpens, huwa meħtieġ li l-impjegat ikun talab awtorizzazzjoni sabiex jissepara ruħu mill-minuri u l-persuna li timpjega tkun irrifjutat li tagħti tali awtorizzazzjoni?"

30. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu sottomessi mill-Gvern Rumen u mill-Gvern Ġermaniż, u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet għamlu wkoll sottomissjonijiet orali fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2018.

## II. Analiżi

31. Il-qorti tar-rinviju għamlet għadd ta' domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni korretta tad-Direttiva 2003/88. B'mod iktar speċifiku, il-qofol tal-kwistjoni huwa jekk l-attività ta' ġenitur foster kif stabbilita mil-Liġi Nru 272/2004 taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Jekk hu hekk, il-qorti tar-rinviju għamlet sensiela ta' domandi oħra lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li Stat Membru jidderoga mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ.

32. Qabel ma nittratta d-domandi preliminari ser neżamina fil-qosor kwistjoni proċedurali mqajma mill-Gvern Ġermaniż.

### A. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

33. Il-Gvern Ġermaniż jissottometti li l-qorti tar-rinviju ma spjegatx biżżejjed għaliex id-domandi preliminari huma ta' rilevanza sabiex tiġi deċiża l-kawża pendenti quddiemha. Pjuttost milli s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, kwistjoni koperta mid-Direttiva 2003/88, it-talbiet fil-kawża prinċipali jirrigwardaw aspetti tad-dritt għal remunerazzjoni.

34. Madankollu, kif josserva l-Gvern Ġermaniż stess, domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula minn qorti nazzjonali jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda preliminari biss meta jkun *tassew ovvju* li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mal-fatti li jkunu jsejsu l-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, jew mas-suġġett tagħha, meta l-problema tkun ipotetika, jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex quddiemha l-materjal legali u fattwali meħtieġ sabiex tagħti risposta utli għad-domandi magħmula lilha[7].

35. Huwa minnu li r-rabta bejn id-domandi u l-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju ma hijiex ċara għalkollox. Tabilħaqq, il-fatt li ħaddiema ma jingħatawx il-perijodi ta' mistrieħ u l-leave preskritti mid-Direttiva 2003/88 ma jistax jiġi rrimedjat billi jingħataw ħlasijiet addizzjonali[8]. Madankollu, it-test ġurisdizzjonali applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja huwa pjuttost liberali u jitlob li n-nuqqas ta' rabta bejn id-domandi u l-fatti tal-każ ikun tassew ovvju.

36. Dan ma huwiex il-każ hawn.

37. Il-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju tirrigwarda talbiet dwar kumpens addizzjonali għal xogħol magħmul matul perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa, btajjel statutorji u leave annwali mħallas.

7 Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin (C-182/15, EU:C:2016:630, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 Ara l-punti 53 *et seq.* iktar 'il quddiem.

38. Huwa minnu li kwistjonijiet dwar il-livell ta' remunerazzjoni u l-mod li bih tkun ikkalkolata r-remunerazzjoni ma humiex irregolati mid-Direttiva 2003/88[9]. Ħlief għall-Artikolu 7 tagħha, li jirrigwarda d-dritt għal leave annwali mħallas, id-Direttiva 2003/88 ma tittrattax il-mod kif il-ħaddiema għandhom ikunu rremunerati għal tipi speċifiċi ta' xogħol bħal xogħol bix-xift, xogħol ta' billejl u ħin on-call jew, tabilħaqq, kif għandhom jiġu kkumpensati għal sahra[10]. Skont l-Artikolu 153 TFUE, dawn il-kwistjonijiet huma materja tad-dritt nazzjonali. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement irrifjutat li tagħti risposta għal domandi relatati mal-livell ta' remunerazzjoni[11].

39. Madankollu, id-domandi preliminari ma humiex dwar aspetti speċifiċi tad-dritt għal kumpens għas-servizzi mwettqa, bħalma huwa l-livell xieraq ta' kumpens. Huma jikkonċernaw il-kompatibbiltà mad-Direttiva 2003/88 tas-sistema stabbilita fil-Liġi Nru 272/2004 sa fejn huma kkonċernati ġenituri foster.

40. F'dan ir-rigward, wieħed jista' jifhem li l-mertu tat-talba mressqa mill-ġenituri foster dwar kumpens addizzjonali jista' jkun jiddependi mil-legalità tas-sistema speċjali applikabbli għall-ġenituri foster kif stabbilita mil-Liġi Nru 272/2004. Skont din is-sistema, il-ħin tax-xogħol u l-ħin liberu ta' ġenituri foster huma ddeterminati skont il-ħtiġijiet individwali tat-tfal fil-kura tagħhom. Il-ġenituri foster għandhom kontinwament jieħdu ħsieb it-tfal mingħajr ma għandhom dritt għal perijodi ta' mistrieħ, btajjel u leave, iddefiniti b'mod speċifiku, mingħajr dawn it-tfal. Fi kliem ieħor, minħabba l-ħtiġijiet tat-tfal, il-ħin tax-xogħol u l-ħin liberu ta' ġenituri foster huma invarjabbilment marbuta ma' xulxin.

41. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jidhirli li wieħed jista' jintebaħ li hemm rabta biżżejjed bejn id-domandi preliminari u l-fatti li fuqhom hija bbażata l-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju: għal dik il-qorti, kwistjoni preliminari hija jekk il-ġenituri foster jistgħux ikollhom, bħala materja tad-dritt tal-Unjoni, dritt għal perijodi ta' mistrieħ, btajjel u leave li fuqu jibbażaw it-talba tagħhom għal kumpens addizzjonali[12].

42. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tirrifjuta li tagħti risposta għad-domandi mibgħuta lilha.

## B. Id-domandi preliminari

43. Id-dubji li għandha l-qorti tar-rinviju dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/88 — u b'mod partikolari jekk ġenituri foster bħal dawk imsemmija fil-Liġi Nru 272/2004 jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88 — huma spjegati minn tliet fatturi relatati ma' xulxin.

44. Fl-ewwel lok, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2003/88 huwa ddefinit b'mod wiesa' fl-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva. Skont din id-dispożizzjoni, l-imsemmija direttiva għandha tapplika għas-*setturi kollha ta' attività*, kemm pubblika kif ukoll privata, skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391.

9 Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 2005, Dellas *et* (C-14/04, EU:C:2005:728, punt 38); tal-10 ta' Settembru 2015, Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras (C-266/14, EU:C:2015:578, punt 48); u tas-26 ta' Lulju 2017, Hälvä *et* (C-175/16, EU:C:2017:617, punt 25), kif ukoll id-digrieti tal-11 ta' Jannar 2007, Vorel (C-437/05, EU:C:2007:23, punt 35) u tal-4 ta' Marzu 2011, Grigore (C-258/10, mhux ippubblikat, EU:C:2011:122, punti 81 sa 84). Ara wkoll il-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU 2017 C 165, p. 1), p. 14.

10 Il-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU 2017 C 165, p. 1), p. 15.

11 Ara, pereżempju, id-digriet tal-11 ta' Jannar 2007, Vorel (C-437/05, EU:C:2007:23, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll il-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU 2017 C 165, p. 1), p. 15.

12 Ara wkoll is-sentenzi tas-26 ta' Lulju 2017, Hälvä *et* (C-175/16, EU:C:2017:617, b'mod partikolari l-punt 26). F'dik il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2003/88 setgħet tingħata minkejja li l-qofol tal-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju kien dwar id-dritt tar-rikorrenti għal ħlasijiet addizzjonali għal sahra.

45. F'dan ir-rigward, minn naħa, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/391 jirreferi "għas-setturi ta' attività kollha, kemm pubbliċi u kemm privati (industrijali, agrikoli, kummerċjali, amministrattivi, ta' servizz, edukattivi, kulturali, ta' serħan etċ.)". Min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva ċerti attivitajiet huma speċifikament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/391 (u, b'estensjoni, minn dak tad-Direttiva 2003/88): id-direttiva ma tapplikax fejn karatteristiċi partikolari ta' ċerti attivitajiet speċifiċi ta' servizz pubbliku, bħall-forzi armati jew il-pulizija, jew ta' ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili inevitabbilment huma f'kunflitt magħha.

46. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat effett sħiħ lill-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-Direttiva 2003/88, u spjegat li l-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva għandhom ikunu interpretati b'mod strett [13]. Bħala materja ta' prinċipju, għalhekk, id-Direttiva 2003/88 tapplika għal ħaddiem li, fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg, iwettaq servizzi għal u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra li għalihom jirċievi remunerazzjoni [14].

47. Fit-tielet lok, u bħala konsegwenza tal-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-Direttiva 2003/88 u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam, id-dubji tal-qorti tar-rinviju huma spjegati miċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża pendenti quddiemha. Minn naħa, il-qorti tar-rinviju tispjega li l-ġenituri foster għandhom kuntratt ta' impjieg mal-awtorità kompetenti u jwettqu servizz (kura foster) skont kuntratt ta' impjieg speċjali konkluż mal-awtorità kompetenti b'kumpens bħala korrispettiv. Min-naħa l-oħra, il-ġenituri foster inkwistjoni għandhom kontinwament jieħdu kura tat-tfal f'darhom stess skont il-ħtiġijiet individwali ta' dawn it-tfal. Tabilħaqq, huwa biss b'ċerta diffikultà li dan ir-rekwiżit ta' kura u superviżjoni kontinwa jista' jiġi rrikonċiljat mar-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 2003/88 fir-rigward, b'mod partikolari, ta' perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa (Artikolu 5) u ta' leave annwali mħallas (Artikolu 7). Dan huwa hekk minħabba li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "ħin tax-xogħol" huwa l-oppost ta' "perijodi ta' mistrieħ", billi l-wieħed miż-żewġ kunċetti jeskludi lill-ieħor [15].

48. Sabiex nindirizza d-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, jiena ser nibda billi neżamina l-motivazzjoni li fuqha hija msejsa d-Direttiva 2003/88.

### *1. Il-motivazzjoni tad-Direttiva 2003/88: il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema*

49. Id-Direttiva 2003/88 [16] għandha l-għan, l-ewwel u qabel kollox, li tiżgura protezzjoni aħjar tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema [17]. Bħala miżura ta' armonizzazzjoni minima, hija tistabbilixxi l-istandard minimu ta' protezzjoni li l-Istati Membri għandhom jiżguraw għall-ħaddiema fir-rigward, fost affarijiet oħra, tal-limiti ta' sigħat ta' xogħol ta' kuljum u fil-ġimgħa u tal-leave annwali mħallas. Din id-direttiva fiha wkoll regoli speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' xogħol bix-xift u billejl (Artikoli 8 sa 13 tagħha).

13 Pereżempju, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap (C-303/98, EU:C:2000:528, punti 35 u 36), tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punti 52 sa 55), tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel (C-337/10, EU:C:2012:263, punti 21 u 22), u tal-14 ta' Ottubru 2010, Union syndicale Solidaires Isère (C-428/09, EU:C:2010:612, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Union syndicale Solidaires Isère (C-428/09, EU:C:2010:612, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel (C-337/10, EU:C:2012:263, punti 23 sa 25), u tal-21 ta' Frar 2018, Matzak (C-518/15, EU:C:2018:82, punt 66).

15 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap (C-303/98, EU:C:2000:528, punt 47).

16 Id-direttiva oriġinali li kienet tistabbilixxi regoli dwar il-ħin tax-xogħol kienet adottata fl-1993. Kuntrarjament għal miżuri li kien hemm qabel f'dan il-qasam, li kienu l-iktar dwar il-ħolqien ta' impjiegi billi jitnaqqas il-ħin tax-xogħol, id-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197) saħqet dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Id-Direttiva 93/104 — flimkien ma' bosta direttivi settorjali —sussegwentement kienet tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva 2003/88. Ara, f'iktar dettall, Barnard, C., *EU Employment Law*, ir-raba' edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 534.

17 Din id-direttiva kienet adottata abbażi tal-Artikolu 137 KE (illum l-Artikolu 153 TFUE). Ara wkoll is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2001, BECTU (C-173/99, EU:C:2001:356, punt 59) u tat-12 ta' Ottubru 2004, Wippel (C-313/02, EU:C:2004:607, punti 46 u 47 dwar il-motivazzjoni tad-Direttiva).

50. Minkejja l-enfasi ċara fuq il-protezzjoni tal-ħaddiema, jidher, madankollu, minn din id-direttiva li l-leġiżlatur ma kienx nesa għalkollox il-ħtieġa li tkun żgurata l-flessibbiltà f'ċerti setturi ta' attività u li bil-mod kienu ser jinbtu forom ġodda ta' xogħol [18].

51. B'mod iktar konkret, forsi l-iktar eżempju ovvju li l-leġiżlatur ried jakkomoda l-bżonn ta' flessibbiltà jinsab fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2003/88 li, b'riferiment għall-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391, jeskludi espressament mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88 ċerti attivitajiet ta' servizz pubbliku. Dawn l-attivitajiet huma esklużi minħabba l-karatteristiċi partikolari tagħhom, li b'mod inevitabbli huma f'kunflitt ma' organizzazzjoni regolari ta' xogħol u ta' mistrieħ. Tabilħaqq, l-esklużjoni espressa ta' ċerti attivitajiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88 timmilita favur it-teżi li l-leġiżlatur kien tassew konxju li ċerti attivitajiet sempliċement ma setgħux jiġu organizzati bil-mod li titlob din id-direttiva. Filwaqt li l-Artikolu 2(2) ma huwiex ifformulat b'mod eżawrjenti, l-eżempji msemmija b'mod speċifiku hemmhekk jagħtu x'jifhem li fit-tfassil ta' din l-esklużjoni l-leġiżlatur kellu f'moħħu b'mod partikolari l-attivitajiet relatati mas-sigurtà pubblika li jitolbu lealtà ogħla [19].

52. Minbarra din l-esklużjoni, id-Direttiva 2003/88 għandha diversi derogi. Skont l-Artikoli 17, 18, 20 u 21 l-Istati Membri jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi, jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar, b'mod partikolari, il-mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-perijodi ta' waqfien x-xogħol ta' billejl. Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 22, derogi individwali huma wkoll possibbli taħt ċerti kundizzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-limitu fil-ġimgħa ta' sigħat ta' xogħol (48) stabbilit fl-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva [20].

53. Minkejja li l-Istati Membri għandhom ċerta diskrezzjoni, il-lingwa u l-istruttura ġenerali tad-Direttiva 2003/88 jindikaw b'mod ċar li l-benesseri tal-ħaddiema fil-forma ta' bilanċ tajjeb bejn il-ħajja privata u x-xogħol huwa l-qofol tal-kunsiderazzjonijiet li wasslu għall-adozzjoni ta' din id-direttiva. Għal dan jafferma b'mod partikolari l-fatt li perijodi mhux biżżejjed ta' mistrieħ u ta' leave statutorju ma jistgħux, skont il-loġika tal-imsemmija direttiva, jinstabilhom rimedju b'kumpens addizzjonali [21].

54. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod ċar għamlet tagħha l-idea li l-għan ewlieni tad-Direttiva 2003/88 huwa l-protezzjoni tal-ħaddiema. Fil-fatt, l-għan li jkun protett il-benesseri tal-ħaddiema jimraħ fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam: b'referenza għal dan l-għan, kemm l-esklużjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391 kif ukoll is-sensiela ta' derogi stabbiliti fid-Direttiva 2003/88 kienu interpretati b'mod restrittiv [22]. Sabiex tiżgura l-protezzjoni komprensiva tal-ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss interpretat il-kamp ta' applikazzjoni

18 Dan jirriżulta mill-premessa 15 tad-Direttiva.

19 Ara wkoll dwar dan is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punti 52 sa 55).

20 Minkejja d-diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri, jidher li d-Direttiva 2003/88 tonqos milli tindirizza b'mod adegwat bosta kwistjonijiet dwar ir-realtà tax-xogħol illum. Ara, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tirrevedi d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol (Konsultazzjoni tat-tieni fażi mal-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 154 TFUE) (COM(2010)801 finali). Pereżempju, il-loġika ta' "mid-9 sal-5" ċertament tinsab f'ħafna dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88, minkejja ż-żieda f'tipi ġodda ta' arranġamenti flessibbli ta' xogħol li ma jsegwux din il-loġika. Ara Barnard, C., *EU Employment Law*, ir-raba' edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 558.

21 Ara l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 dwar il-ħlas ta' allowance minflok leave annwali mhux meħud fil-każ li r-relazzjoni ta' impjieg tiġi tterminata.

22 Sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap (C-303/98, EU:C:2000:528, punt 35); tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer et (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 52); tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger (C-151/02, EU:C:2003:437, punt 89); tal-14 ta' Ottubru 2010, Union syndicale Solidaires Isère (C-428/09, EU:C:2010:612, punti 24, 40 u 41), u tas-26 ta' Lulju 2017, Hälvä et (C-175/16, EU:C:2017:617, punt 31).

tad-Direttiva 2003/88, iżda wkoll il-kunċett ta' "ħin tax-xogħol" b'mod wiesa'[23]. Għaldaqstant, il-kunċett ta' "ħin tax-xogħol" jinkludi, pereżempju, il-ħin mgħoddi f'irqad fil-post tax-xogħol tal-persuna li timpjega[24], u l-ħin stand-by fid-dar bl-obbligu li jitwieġbu sejħat mingħand il-persuna li timpjega f'ħin ta' 8 minuti[25].

55. Madankollu, punt li ma għandux jintesa huwa li, sabiex attività taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni (*ratione materiae*) tad-Direttiva 2003/88 fl-ewwel lok (jew tabilħaqq, skont l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391), din l-attività għandha titwettaq minn ħaddiem. Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat li d-Direttiva 2003/88 tagħti ċerti drittijiet minimi biss lil persuni li jwettqu attività (ekonomika) f'kuntest kuntrattwali speċifiku: jiġifieri, tagħti drittijiet lill-persuni li jwettqu tali attività għall-benefiċċju ta' u taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor u, għalhekk, mingħajr ma jgawdu minn libertà fl-għażla tal-ħin, tal-post u tal-kontenut tal-attività tagħhom. L-imsemmija direttiva tistabbilixxi l-limiti dwar il-ħin li tali persuni jistgħu jintalbu jinvestu f'attività mwettqa għal u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra. Għall-kuntrarju, hija *ma għandhiex* l-għan li tipproteġi jew li torganizza l-ħin tax-xogħol ta' persuni li jwettqu attività għal kumpens abbażi ta' xi arranġament kuntrattwali ieħor li ma jkollux tali element ta' subordinazzjoni.

56. Għalhekk, sabiex ikun stabbilit jekk l-attività ta' ġenitur foster bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax taħt id-Direttiva 2003/88, għandu jiġi ddeterminat preliminarjament jekk il-ġenituri foster ikkonċernati għandhomx jitqiesu bħala "ħaddiema" fis-sens ta' din id-direttiva.

### *2. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88: l-interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' "ħaddiem"*

57. Bħal fil-każ tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2003/88 (li jinkludi, bħala prinċipju, l-attivitajiet tax-xogħol kollha immaġinabbli), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat ukoll il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' din id-direttiva b'mod wiesa'. Kif ser jiġi spjegat fit-taqsima li jmiss, fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' ħaddiem f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet bħala ispirazzjoni l-ġurisprudenza tagħha dwar il-moviment ħieles taħt l-Artikolu 45 TFUE.

#### *a) Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja: ispirazzjoni mill-Artikolu 45 TFUE*

58. Fis-sentenza Union syndicale Solidaires Isère[26], f'kawża dwar ħaddiema staġjonali impjegati b'kuntratt speċjali f'kampijiet ta' btala għat-tfal, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kunċett ta' "ħaddiem" għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu fid-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, dan il-kunċett, bħala materja tad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi ddefinit skont kriterji oġġettivi li jiddistingwu r-relazzjoni ta' impjieg b'riferiment għad-drittijiet u għad-dmirijiet tal-persuni kkonċernati. B'riferiment għall-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 45 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-karatteristika essenzjali ta' relazzjoni ta' impjieg, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88, hija li għal ċertu perijodu ta' żmien persuna twettaq servizzi għal u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra li bħala korrispettiva għaliha hija tirċievi remunerazzjoni[27].

23 Ara, fost ħafna, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap (C-303/98, EU:C:2000:528, punt 49); tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger (C-151/02, EU:C:2003:437, punt 65), u tal-21 ta' Frar 2018, Matzak (C-518/15, EU:C:2018:82, punti 44 u 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger (C-151/02, EU:C:2003:437, b'mod partikolari l-punti 60 u 68).

25 Sentenza tal-21 ta' Frar 2018, Matzak (C-518/15, EU:C:2018:82, punt 66).

26 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Union syndicale Solidaires Isère (C-428/09, EU:C:2010:612).

27 *Idem*, punt 28 b'riferiment għas-sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Lawrie-Blum (C-66/85, EU:C:1986:284, punti 16 u 17) u tat-23 ta' Marzu 2004, Collins (C-138/02, EU:C:2004:172, punt 26). Ara wkoll is-sentenzi tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel (C-337/10, EU:C:2012:263, punt 23) u tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani (C-456/02, EU:C:2004:488, punti 15 u 16).

59. Fi kliem ieħor, "ħaddiem" skont it-tifsira tad-Direttiva 2003/88 huwa persuna li twettaq servizzi f'relazzjoni ta' impjieg. Dan imbagħad jimplika relazzjoni ta' subordinazzjoni [28]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja indikatur f'dan ir-rigward jista' tkun il-fatt li persuna taġixxi taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-libertà tagħha li tagħżel il-ħin, il-post u l-kontenut tax-xogħol tagħha [29].

60. Għall-finijiet ta' din il-kawża, huwa ta' importanza kruċjali li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li n-natura speċjali ta' relazzjoni kuntrattwali skont id-dritt nazzjonali ma hijiex ta' rilevanza diretta għall-klassifikazzjoni ta' persuna bħala ħaddiem għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni [30]. Tabilħaqq, jidher li eżattament bħal f'oqsma oħra tal-liġi soċjali u tal-impjiegi tal-Unjoni, l-umbrella protettiva tal-kunċett ta' ħaddiem tista' f'ċerti każijiet tkopri persuni li ma jitqisux bħala tali skont id-dritt nazzjonali [31].

61. B'mod iktar preċiż, sabiex jiġi ddeterminat, bħala materja tad-dritt tal-Unjoni, jekk persuna tkunx ħaddiem u b'hekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88, jista' jkun meħtieġ li wieħed imur lil hinn mit-tip ta' arranġament skont id-dritt nazzjonali. L-evalwazzjoni globali magħmula għal dan il-għan tal-qafas (fattwali u kuntrattwali) li fih jitwettaq is-servizz għandha, għalhekk, tkun indipendenti, u ma għandhiex tirrifletti d-denominazzjoni mogħtija lir-relazzjoni kuntrattwali fid-dritt nazzjonali.

62. F'dan ir-rigward, il-firxa ta' ideat li wieħed josserva fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' ħaddiem għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88 tikkonferma li dan il-kunċett għandu, bħal f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni, jiġi interpretat b'mod wiesa'. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidher ċar li l-ħaddiema kollha taħt id-Direttiva 2003/88 huma wkoll ħaddiema taħt l-Artikolu 45 TFUE.

63. Madankollu, l-oppost jista' mhux dejjem ikun minnu.

64. Tabilħaqq, huwa komuni li l-istess terminu wieħed jista' jirreferi għal kunċetti differenti skont il-qasam tal-liġi kkunsidrat. Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja stess, ma hemmx definizzjoni waħda ta' ħaddiem fid-dritt tal-Unjoni: din id-definizzjoni tvarja skont il-kuntest li fih hija jkollha tiġi applikata [32]. Fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' ħaddiem f'kuntest partikolari huwa importanti li titqies il-motivazzjoni li fuqha jkun ibbażat l-istrument legali u l-interess li dan l-istrument ikun intiż li jipproteġi.

65. Kif huwa magħruf sewwa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li persuni jistgħu jżommu l-istatus ta' "ħaddiem" u jkollhom protezzjoni taħt l-Artikolu 45 TFUE anki matul perijodi ta' nuqqas ta' attività ekonomika. Dan huwa l-każ, pereżempju, ta' dawk li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol [33] u n-nisa li, minħabba l-limitazzjonijiet fiżiċi tat-tqala u t-twelid, jieqfu jaħdmu għal perijodu raġonevoli ta' żmien [34].

28 Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi tat-8 ta' Ġunju 1999, Meeusen (C-337/97, EU:C:1999:284, punt 15) u tal-4 ta' Ġunju 2009, Vatsouras u Koupatantze (C-22/08 u C-23/08, EU:C:2009:344, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, Allonby (C-256/01, EU:C:2004:18, punt 72).

30 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Union syndicale Solidaires Isère (C-428/09, EU:C:2010:612, punt 30), b'riferiment għas-sentenza tal-20 ta' Settembru 2007, Kiiski (C-116/06, EU:C:2007:536, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa (C-232/09, EU:C:2010:674, punt 56) u tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punti 42 sa 51).

31 Ara, dwar dan, għal analiżi tal-implikazzjonijiet tat-tendenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta l-kunċett ta' ħaddiem b'mod wiesa' u li tinterpreta dan il-kunċett bl-istess mod għall-finijiet tal-Artikolu 45 TFUE u ta' leġiżlazzjoni sekondarja mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni debitament l-għażliet magħmula mil-leġiżlaturi nazzjonali, Paanetoja, J., "Euroopan unionin oikeuden työntekijäkäsitteen laajeneva tulkinta", Lakimies 3-4/2015, p. 367-385.

32 Sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala (C-85/96, EU:C:1998:217, punt 31); tat-13 ta' Jannar 2004, Allonby (C-256/01, EU:C:2004:18, punt 63) u tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 30).

33 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala (C-85/96, EU:C:1998:217, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-23 ta' Marzu 2004, Collins (C-138/02, EU:C:2004:172, punt 70); tal-4 ta' Ġunju 2009, Vatsouras u Koupatantze (C-22/08 u C-23/08, EU:C:2009:344, punti 36 u 40 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-25 ta' Ottubru 2012, Prete (C-367/11, EU:C:2012:668, punt 46).

34 Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix (C-507/12, EU:C:2014:2007, punt 47).

66. Minkejja l-istatus tagħhom ta' "ħaddiema" taħt id-dritt dwar il-moviment liberu, huwa diffiċli li wieħed jifhem għaliex dawn il-persuni għandhom (jew kif jistgħu) jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 2003/88 bħala ħaddiema. Dan minħabba li ma jkunux f'relazzjoni ta' impjieg. Kif ġie ssuġġerit iktar 'il fuq, id-Direttiva 2003/88 hija intiża li tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà, iżda wkoll b'mod iktar wiesa', il-benesseri ta' persuni waqt li jkunu qegħdin jaħdmu għal u taħt id-direzzjoni tal-persuna li timpjegahom, u dan, essenzjalment, f'relazzjoni ta' subordinazzjoni.

67. Konxju ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet jiena issa ser ngħaddi għall-kwistjoni jekk il-ġenituri foster ikkonċernati fil-kawża prinċipali humiex "ħaddiema" għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88.

***b) L-evalwazzjoni ta' dan il-każ***

68. Mill-bidu nett wieħed għandu jiftakar li mid-diviżjoni tax-xogħol stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-interlokuturi tagħha fl-Istati Membri jsegwi li fl-aħħar mill-aħħar hija l-qorti tar-rinviju li għandha tapplika l-kunċett ta' ħaddiem għall-fatti ta' dan il-każ. Madankollu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddefinixxi l-kunċett ta' ħaddiem għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88 u li għandha tipprovdi lill-qorti tar-rinviju bil-gwida meħtieġa li għandha tgħinha fil-kompitu tagħha li tapplika dan il-kunċett.

69. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja l-applikazzjoni tal-kunċett ta' ħaddiem f'każ partikolari għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi: il-qorti tar-rinviju għandha tqis iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ miġjub quddiemha, fir-rigward kemm tan-natura tal-attivitajiet ikkonċernati, kif ukoll tar-relazzjoni tal-partijiet involuti [35].

70. F'dan ir-rigward, kif diġà indikat, in-natura ta' relazzjoni kuntrattwali fid-dritt nazzjonali ma għandhiex tkun determinanti sabiex jiġi stabbilit li persuna hija ħaddiem għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88. Tabilħaqq, jekk dan ma jkunx hekk, il-kunċett ta' ħaddiem jingħata (b'mod li jmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja) għadd kbir ta' interpretazzjonijiet (diverġenti) skont id-definizzjoni ta' relazzjoni kuntrattwali partikolari fid-dritt nazzjonali.

71. Għalhekk, sabiex jiġi deċiż jekk il-ġenituri foster inkwistjoni għandhomx jitqiesu li huma ħaddiema għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88, in-natura tar-relazzjoni bejn dawn il-ġenituri foster u l-awtorità kompetenti għandha tkun biss ta' sinjifikat periferali għall-evalwazzjoni ta' din ir-relazzjoni kuntrattwali bħala materja tad-dritt tal-Unjoni. Is-sempliċi fatt li l-ġenituri foster iwettqu xogħolhom skont "kuntratt ta' impjieg" ma jfissirx li r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-ġenituri foster u l-awtorità kompetenti għandha bħala kunċett titqies li hija waħda ta' impjieg *għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88.*

72. Fil-fatt, bosta fatturi jsostnu l-fehma li l-ġenituri foster imsemmija fil-Liġi Nru 272/2004 ma għandhomx jitqiesu li huma ħaddiema għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88. Dawn il-fatturi jirrigwardaw kemm ir-relazzjoni tal-partijiet involuti, kif ukoll in-natura tal-attivitajiet imwettqa mill-ġenituri foster inkwistjoni.

*1) Ir-relazzjoni bejn il-partijiet involuti*

73. Kif imsemmi iktar 'il fuq, sabiex persuna titqies li hija ħaddiem, is-servizz għandu jitwettaq f'relazzjoni ta' subordinazzjoni: f'relazzjoni ta' impjieg il-ħaddiem iwettaq attività ekonomika taħt id-direzzjoni ta' min iħaddmu. Relazzjoni bħal din tidher li hija nieqsa f'dan il-każ.

35 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Union syndicale Solidaires Isère (C-428/09, EU:C:2010:612, punt 29).

74. Huwa minnu li l-analoġija ma hijiex għalkollox preċiża. Madankollu, ir-relazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-ġenituri foster tista' (għall-għan speċifiku li jiġi evalwat jekk dawn il-ġenituri foster jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88) titqabbel ma' mandat sabiex jitwettaq obbligu partikolari. Tabilħaqq, kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, iktar milli jwettqu xogħol f'relazzjoni ta' subordinazzjoni u, b'hekk, għal u taħt id-direzzjoni tal-awtorità kompetenti, il-ġenituri foster *jingħatalhom mandat* mill-awtorità kompetenti sabiex jieħdu ħsieb it-tfal inkwistjoni bħal kull ġenitur ieħor.

75. F'dan ir-rigward, mid-digriet tar-rinviju joħroġ li l-attività ta' ġenitur foster titwetttaq fuq il-bażi ta' kuntratt (qafas) speċjali. Min-naħa l-oħra, il-"kuntratt ta' impjieg" bejn l-awtorità kompetenti (jew korp privat akkreditat) u l-ġenituri foster jidħol fis-seħħ malli t-tfal jitqiegħdu fil-kura tagħhom. Malli jkunu fil-kura tagħhom il-ġenituri foster għandhom jiżguraw li t-tfal inkwistjoni jintegraw fl-ambjent familjari ġdid u li t-tfal ikunu jistgħu jikbru b'superviżjoni kontinwa tal-ġenituri u f'kura adatta għall-età tagħhom.

76. F'dan is-sens, pjuttost milli jkunu subordinati għall-awtorità kompetenti u milli jkunu suġġetti għall-ordnijiet u għad-deċiżjonijiet ta' din l-awtorità fit-twettiq tal-kompiti miftiehma, il-ġenituri foster jieħdu ħsieb it-tfal ikkonċernati b'mod indipendenti, filwaqt li jaġixxu abbażi tal-ħtiġijiet individwali ta' dawn it-tfal u tal-programm iddeterminat mill-familja foster.

77. Huwa minnu li l-ġenituri foster ma jitħallewx jieħdu leave minn dmirijiethom mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa tal-awtorità kompetenti. Huwa minnu wkoll li l-ġenituri foster huma obbligati jippermettu lil speċjalisti fil-protezzjoni tat-tfal jissorveljaw l-attività professjonali tagħhom. Madankollu, dawn ir-rekwiżiti ma humiex biżżejjed sabiex wieħed jikkonkludi li ġenituri foster iwettqu l-attivitajiet ta' kuljum tagħhom f'relazzjoni ta' subordinazzjoni kif tirrikjedi l-ġurisprudenza.

78. B'mod iktar speċifiku: huwa ċar li minħabba dawn ir-rekwiżiti ġenituri foster ma jistgħux jorganizzaw għalkollox kif iridu l-ħin tagħhom u l-kura tat-tfal ikkonċernati. Iżda r-rekwiżiti ma għandhomx x'jaqsmu mat-twettiq attwali (ta' kuljum) tax-xogħol li jsir mill-ġenituri foster, jew mal-organizzazzjoni tax-xogħol skont il-ħtiġijiet ta' persuna li timpjega. Jekk xejn, ir-rekwiżiti jikkostitwixxu parti minn qafas ġenerali li fih ikollu jitwettaq il-mandat.

79. Barra minn hekk, wieħed ma għandux jinsa li t-tfal li jitqiegħdu taħt kura foster huma partikolarment vulnerabbli. Ir-rekwiżiti msemmija dwar leave annwali u l-kontribut ta' speċjalisti fit-trobbija ta' dawn it-tfal probabbilment qegħdin hemm għall-ħarsien tat-tfal ikkonċernati. Tabilħaqq, ikun manifestament kontra l-aħjar interess tat-tfal ikkonċernati li ġenituri foster regolarment jitħallew jieħdu perijodi ta' mistrieħ mingħajr it-tfal li huma jkunu mistennija jieħdu ħsieb tagħhom daqslikieku kienu tagħhom stess jew, barra minn hekk, jirrifjutaw għajnuna mingħand speċjalisti f'dan il-qasam.

*2) In-natura tal-attivitajiet imwettqa*

80. Kif tosserva l-qorti tar-rinviju, it-tqegħid ta' tifel jew tifla taħt kura foster jikkostitwixxi miżura maħsuba sabiex jiġi żgurat li t-tifel jew tifla jikbru f'ambjent simili għal dak ta' familthom. Dan jinvolvi għajxien kontinwu mal-familja foster. F'dan is-sens, is-servizz mogħti minn ġenituri foster jista' jitqabbel ma' dak ta' kull ġenitur ieħor. Sabiex jiġi żgurat li l-aħjar interess tat-tifel jew tifla jibqa' l-prijorità fil-kura foster il-ħidma ta' ġenituri li ġenituri foster iwettqu ma għandhiex tkun organizzata abbażi ta' programm iffissat ta' xogħol jew ta' perijodi obbligatorji ta' mistrieħ, inklużi perijodi obbligatorji ta' leave annwali.

81. Dan huwa minnu jkun xi jkun it-tul tal-kollokament ma' familja foster (li jista', kif indikat iktar 'il fuq, ivarja minn waqfa qasira sa kura fit-tul). Ma jistax jiġi enfasizzat iżżejjed li l-ħidma tal-ġenitur foster kif iddefinita fil-Liġi Nru 272/2004 tikkostitwixxi mandat sabiex it-tifel jew tifla jingħataw l-opportunità jikbru bħala parti minn familja, familja li l-programm tagħha jkun iddeterminat mill-ħtiġijiet tal-familja u tat-tfal, u mhux minn dawk tal-persuna li timpjega.

82. Dan iwassalni għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Hälvä[36]. Dik il-kawża kienet dwar persuni impjegati bħala "ġenituri sostituti" ("relief parents") minn assoċjazzjoni ta' protezzjoni tat-tfal li kienet topera villaġġ tat-tfal. B'mod iktar speċifiku, il-kwistjoni kienet dwar jekk tali ġenituri sostituti, bħala ħaddiema impjegati mill-assoċjazzjoni, kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2003/88. F'dik il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet bħala punt ta' tluq li tali ġenituri sostituti huma ħaddiema u, għalhekk, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, punt ta' tluq li l-qorti tar-rinviju taqbel miegħu[37].

83. Għall-kuntrarju ta' din il-kawża, fil-kawża Hälvä l-ġenituri sostituti ma kinux jieħdu kura tat-tfal b'mod kontinwu fi djarhom stess. Pjuttost huma kienu impjegati minn assoċjazzjoni ta' protezzjoni tat-tfal skont kuntratti li kienu jindikaw l-għadd ta' perijodi ta' 24 siegħa xogħol li kellhom iwettqu f'sena f'istituzzjoni, għalkemm istituzzjoni li kienet tixbah mill-qrib ambjent ta' familja. Barra minn dan, il-ġenituri sostituti kienu jintbagħtu jaħdmu fi "djar" f'villaġġ abbażi tal-iskeda ta' xogħol imfassla mid-direttur tal-villaġġ tat-tfal[38].

84. Filwaqt li l-assoċjazzjoni ta' protezzjoni tat-tfal ma kinitx tikkontrolla x-xogħol fid-djar matul il-perijodi ta' xogħol, il-qafas usa' li fih il-ġenituri sostituti kienu jwettqu xogħolhom kien jiġi ffissat mill-assoċjazzjoni: b'mod partikolari, huma kienu jaħdmu, f'xifts iddeterminati minn qabel fi djar iddeterminati minn qabel, għadd ta' jiem fis-sena ddeterminat minn qabel. Minkejja li d-deskrizzjoni tax-xogħol (bħala ġenitur sostitut) setgħet tiżgwida lil dak li jkun, huma kienu sempliċement jikkostitwixxu persunal temporanju f'villaġġ tat-tfal, persunal li ma kellux ir-responsabbiltà ewlenija għat-trobbija tat-tfal li kienu jgħixu f'dak il-villaġġ.

85. Dawn l-elementi jiddistingwu l-kawża Hälvä minn din il-kawża. Huma jgħinu wkoll sabiex jiġi spjegat għaliex ma qamitx il-kwistjoni preliminari ta' jekk il-persuni kkonċernati fil-kawża Hälvä kinux ħaddiema għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88. Tabilħaqq, fost indikaturi oħra dwar jekk kienx hemm relazzjoni ta' impjieg bejn l-assoċjazzjoni ta' protezzjoni tat-tfal u l-persuni kkonċernati, f'dik il-kawża kien hemm b'mod ċar ir-relazzjoni ta' subordinazzjoni mitluba mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

86. Il-punt li jmiss li rrid nagħmel huwa marbut ukoll mad-differenzi bejn il-kawża Hälvä u din il-kawża. Dan il-punt huwa dwar l-impossibbiltà li jiġu rrikonċiljati r-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/88 mal-aħjar interess tat-tfal li jitqiegħdu f'familja foster. Kif kemm il-Gvern Rumen kif ukoll il-Gvern Ġermaniż enfasizzaw fis-seduta, l-attività ta' ġenitur foster hija fundamentalment f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88 u ma għandhiex tkun koperta minn dim id-direttiva.

87. Ejja nassumu li ġenituri foster bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu, madankollu, meqjusa li huma ħaddiema għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88, pożizzjoni li l-Kummissjoni tiddefendi.

88. Skont din l-ipoteżi, l-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-ġenituri foster skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/88 tkun teħtieġ li jkunu allokati bosta ġenituri foster, u familji, għat-tfal ikkonċernati. Dan minħabba li, kif spjegat iktar 'il fuq, perijodi ta' mistrieħ u leave annwali mħallas stabbiliti f'din id-direttiva li ma jittieħdux ma jistgħux jiġu ssostitwiti bi ħlasijiet addizzjonali.

36 Sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Hälvä *et* (C-175/16, EU:C:2017:617).

37 *Idem*, punt 24.

38 *Idem*.
, b'mod partikolari l-punt 33.

Għalhekk, jekk ġenituri foster jitqiesu li huma ħaddiema għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88, dan ikun ifisser li l-kura foster ikollha tiġi organizzata madwar il-perijodi ta' mistrieħ u tal-btajjel ta' kull ġenitur foster. Fil-prattika dan ikun ifisser li t-tfal li jitqiegħdu taħt kura foster ikun jeħtiġilhom imorru minn familja foster għal oħra skont "ix-xifts" ta' kull ġenitur foster, sitwazzjoni li l-Kummissjoni tqis aċċettabbli. Mill-perspettiva tal-aħjar interess tat-tfal ikkonċernati, madankollu, l-assurdità ta' soluzzjoni bħal din hija ċara[39].

89. Għall-kuntrarju ta' dak li kien issuġġeriet mill-Kummissjoni fis-seduta, ma jistgħux jinġibdu analoġiji mal-kawża Hälvä li kienet dwar sitwazzjoni intrinsikament differenti: *persunal temporanju* f'villaġġ tat-tfal (proprjetà privata) li jieħu kura ta' tfal fi djar f'villaġġ, djar li fihom jgħixu dawk it-tfal, matul l-assenza tal-ġenituri foster li jkollhom ir-responsabbiltà ewlenija għat-trobbija tat-tfal.

90. F'dan ir-rigward ninnota wkoll li t-tensjoni bejn l-attività ta' ġenitur foster u r-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/88 ma tistax tinħall billi wieħed jirrikorri għal xi wieħed mill-paragrafi tal-Artikolu 17 ta' din id-direttiva. Kif indikat, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mir-rekwiżiti tal-imsemmija direttiva fir-rigward (fost affarijiet oħra) ta' perijodi ta' mistrieħ ta' kull jum u fil-ġimgħa, iżda mhux mill-Artikolu 7, li jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat. Jekk ġenituri foster ikunu ggarantiti minimu ta' erba' ġimgħat ta' btajjel (bi ħlas) mingħajr it-tfal li jkollhom jieħdu kura tagħhom, dan essenzjalment joħloq il-ħtieġa li jsiru arranġamenti temporanji ta' kura. Huwa ovvju li tali soluzzjoni ma tkunx fl-aħjar interess tat-tfal ikkonċernati u, b'mod partikolari, tal-għan li jkun żgurat li tfal taħt kura foster ikunu jistgħu jgħixu f'ambjent stabbli ta' familja bħala membri sħaħ tal-familja foster.

91. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jiena tal-fehma li abbażi ta' interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' "ħaddiem", ġenituri foster bħal dawk ikkonċernati fil-kawża prinċipali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88.

92. Konsegwentement, ma hemmx ħtieġa li jitqiesu d-domandi preliminari l-oħra.

## III. Konklużjoni

93. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tagħti risposta għad-domandi preliminari tal-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanța, ir-Rumanija) kif ġej:

Abbażi ta' interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' "ħaddiem", ġenituri foster bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

39 Jidhirli li tali soluzzjoni mhux sodisfaċenti lanqas ma tkun tista' tiġi evitata jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-attività ta' ġenituri foster, għalkemm ħaddiema għall-finijiet tad-Direttiva 2003/88, taqa' taħt l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391. Dan minħabba li, f'dan il-kuntest ukoll, ikun meħtieġ li jinstab bilanċ bejn, minn naħa, id-drittijiet tat-tfal imsemmija fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet tal-ħaddiema stabbiliti fl-Artikolu 31(2) tagħha.